# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-seba' u tlettin laqgha tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar **it-Tnejn 24 ta' Frar 2014, fis-2.00pm**

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard<br>Is-Sur Tony Formosa<br>Is-Sinjura Helen Montebello<br>Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghas-sebgha u tletin laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti s-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia, s-Sur Anthony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 36

Il-minuti tas-sitta u tletin laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija.

Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjur Anthony Formosa.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Is-Sur Ronald Briffa qal li f'din il-laqgha fuq talba tal-membri ghandu jattendi l-accountant tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkirkara li tahtu jaqa l-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys. Dan ghandu jaghti spjegazzjoni ta' x'inhuma id-drittijiet tal-kumitat mill ghad finanzjarju. Huwa zied jghid li sakhemm jasal is-Sur Chris Vella kien sejjer ikompli bil-laqgha u li ma kienx sejjer jimxi mal-ordni tal-agenda.

## 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

5.1 Is-Sur Ronald Briffa qal li xtaq jinforma l-kamra li hu kellu laqgha mal-kumitat tal-ghazla tal-PN fejn dan infurmhom li wara erba snin ta' hidma fil-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys, liema legislatura issa waslet fit-tmiemha, li seta jghid kien li l-holqien ta' Kumitati Amministarttivi kienet haga tajba pero fl-opinjoni tieghu dawn qatt ma' ffunzjonaw. Huwa informa lil dan il-kumitat li jekk l-affarijiet ma kienux sejrin jittrangaw hu u membri

ohra ma' kellhom l-ebda intenzjoni li jikkontestaw l-elezzjoni li gejja jigifieri dik ta' Mejju. Huwa zied jghid li dawn il-Kumitati Amministrattivi kienu biss hela ta' hin ghal membri kkoncernati li f'dan iz-zmien gew imbarazzati mal-kostititwenti.Huwa zied jghid li jaf kumitati li ilhom fuq sena ma jiltaqghu dan ghall istess raguniijiet. Huwa spjega li la darba l-Kumitat Amministrattiv ma' kellu l-ebda kontroll fuq il-finanzi allokati lilu, liema finanzi ghadu sal-gurnata tal-lum ma jafx kif gew ikkalkolati u kemm huma, dawn il-kumitati ma setghux jahdmu. Li kieku din l-allokazzjoni marret f'kont bankarju fl-isem ta' dawn il-kumitati l-affarijiet kienu jkunu differenti. F' kelma wahda il-Kumitati Amministarttivi ma kienux awtonomi u ghalhekk dejjem iddependew minn kunsilli ohra. Fil-fehma tieghu jekk dan ma jsirx l-alternativa hija li jew Fleur-de-Lys ikollu kunsill ghalih jew membru mill kunsill ta' Birkirkara jitqieghed responsabli minn din iz-zona gewwa Birkirkara. Hu zied jghid li l-kumitat tal-ghazla tal PN m'ghandu l-ebda poter u ghalhekk kul ma jista jaghmel huwa li jissugerixxi lil-Gvern.

F'dan l-istadju dahal is-Sur Chris Vella u dan gie mistoqsi x'kienu d-drittijiet finanzjarji tal-kumitati Amministrattivi. Dan spjega li sfortunatament din ma kienetx l-ewwel darba li gie mistoqsi din il-mistoqsija u li sfortunatament ir-risposta hija l-istess li alkemm il-kumitati ghandhom flus allokati lilhom dawn ftit li xejn ghandhom poteri u kontroll fuqhom u li hafna drabi qed jigu assorbiti mill-kunsill li jaqu tahtu. Is-Sur Vella spjega li l-amministratur tal-fondi fl-ahhar mill-ahhar huwa l-kunsill u mhux il-kumitat. Hus stess sal-gurnata tal-llum ghadu ma jafx kif inhadmet l-allokazzjoni tal-kumitati u bhalma gara fil-kumitat ta' Fleur-de-Lys dawn kellhom iggorru piz ghal-affarijiet li m'ghandhomx. Fil-kaz ta' Fleur-de-Lys gew imnaqqsa fondi ghat-tindif tal-latrini meta gewwa Fleur-de-Lys latrini m'hemmx.
Is-Sur Antoine Attard qal li skont il-guidelines li kien inghata fil-bidu tal-amministrazzjoni kien taht l-impressjoni li l-fondi assenjati lill-kumitati kellhom jigu amministrati mill-istess kumitat. Hu zied jghid li jekk il-kumitati Amministarttivi m'ghandhomx kontroll fuq il-finanzi allura dan jiswa daqs li kieku m'ghandhomx finanzi. Jekk dan huwa l-kaz allura l-kuncett tal-Kumitati

Amministrattivi huwa wiehed fazul u kull ma' ghamel dawn l-ahhar erba snin kien li hela erba snin minn hajtu. Problema li semma s-Sur Antoine Attard kienet li il-kumitat xi zmien ilu kien hareg bl-ideja li jaghmel centru tal-kompjuters ghar-residenti ta' Fleur-de-Lys. Wara hafna giri u laqghat il-kumitat kien irnexxieli jsib post gewwa skola b'xejn, gabu ukoll l-internet u t-tuition b'xejn. Dan ic-centru ghandu jigi armat b'kompjuters li kienu jinsabu gewwa l-iskola tas-Swatar izda ma kienux qed jintuzaw. Il-kumitat sar jaf li hemm kompjuter minnhom kif ukoll xi erba monitors ma jahdmux. Barra minnhekk trid tigi installata s-sistema Windows 7 li tiswa madwar €500 wehedha. Meta l-kumitat ta' Fleur-de-Lys staqsa lil-kunsill ta' Birkirkara biex jaghtuhom dawn il €500, is-Sindku wiegbet li l-kunsill m'ghandux flus u jekk il-kumitat ried seta jaghmel uzu mi-kompjuters gewwa c-centru civiku u li hi kienet lesta li tipprovdi t-trasport. Ghalhekk spjega hu jidher li minhabba €500 dan ic-centru seta ma' jsirx. Is-Sur Chris Vella qal li €500 ma kienetx somma kbira u li jekk jaccertawh li din kienet biss is-somma li hemm bzonn biex jiffunzjona dan ic-centru, jahseb li seta jipperswadi s-Sindku basta ma jkunx hemm spejjes ohra. Huwa zied jghid li l-ahjar li jsir huwa li x-xoghol li hemm bzonn l-ewwel jigi stmat umbaghad wiehed jara jekk dan il-kuncett huwiex vijabli. Is-Sur Antoine Attard qal li kienu qed jiddiskutu humiex sejjrin izommu mizata zghira biex dan id-dhul ikopri l-ispejjes. F'dan il-kaz dan ic-centru jigi self sufficient.

Is-Sur Antoine Attard qal li l-kwistjoni l-ohra kienet dik tal-bini tal-bieb ta' Fleur-de-Lys. Huwa zied jghid li hija hassra jekk dan ma jsirx u li jekk jigri hekk kienu sejrin jintilfu l-fondi li ga huma committed.

Is-Sur Chris Vella qal li hu jisimpatizza mal-membri pero ftit li xejn hemm x'wiehed jaghmel. Huwa fakkar li tohrog skeda fejn din turi x'inhuma l-ammonti allokati, ghal per ezempku knis tat-toroq li hafna drabi dawn l-ammonti huma baxxi wisq biex isir ix-xoghol. Is-SurAntoine Attard ikkumenta li knis ilu ma' jsir zmien gewwa Fleur-de-Lys. Is-Sur Chris Vella qal li hu m'ghandux izjed xi jzied u li jaf li l-istampa ma tantx kienet sabiha

izda hu ma seta jaghmel xejn. F'dan l-istadju l-membri irringrazzjaw lis Sur Vella talli kien gie u dan tal-ahhar halla l-kamra.

Is-Sur Antoine Attard qal li fl-4 t'April 2014 kienet sejra ssir prezentazjoni dwar l-akwadott gewwa c-centru tal- Bank of Valletta u staqsa jekk ghandux ikompli jiehu sehem fl-organizzazjoni taghha . Huwa qal li din ma kienetx sejra tinvolvi spejjes. Il-membri qablu li s-Sur Antoine Attard ghandu jkompli.

Fl-ahhar net is- Sur Ronald Briffa stqar li gietu opportunita li jmur jahdem barra minn Malta. Jekk jaccetta din il-pozzizjoni allura dan kien ifisser li din kienet tkun l-ahhar laqgha tieghu. Hu qal li kien sejjer izomm il-kumitat informat jekk dan isehh.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fit-3.30pm u giet aggornata ghal nhar is-Sibt, 5t' April 2014, fid-9.00am gewwa l-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sur Ronald Briffa
Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto
Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv